**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 25 t' April 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Wayne Camilleri)**

**Vs**

**DEEMER MICALLEF**

**KUMP NU : 745/2018**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Deemer Micallef** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru **51395M** fejn gie akkuzat talli nhar it-23 Novembru 2018,

ghall-habta tan-nofs siegha ta' wara nofsinhar (12:30hrs) gewwa fond 'Binja Binajru' Ent K, Flt 4, Triq Patri Gwann Azzopardi, Santa Venera;

1. Minghajr il-hsieb li toqtol jew tqieghed l-hajja fil-periklu car, ikkagunajt ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Alexander Micallef, li jigi zijuh u li jghix fl-istess dar mieghu.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat ir-rinvio a giudizio tal-Avukat Generali tas-6 ta' Novembru 2020 (ara *folio* 52) u l-kunsens ta` l-imputat sabiex din il-kawza tissokkta u tigi deciza bir-rit sommarju, kif moghti fl-udjenza tallum stess (ara *folio* 61);

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza tallum stess, ghall-imputazzjoni kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat f'dik l-udjenza stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi u tattira sanzjoni skond il-ligi.

Semghet is-sottomissjonijiet finali dwar il-piena/sanzjoni.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

Fil-kuntest ta` l-ahjar sanzjoni, din il-Qorti qieset mhux biss l-ammissjoni ta` l-imputat, li saret fit-termini ta` dak minnu mistqarr fl-istqarrija tieghu li huwa kien ta nhar l-24/11/2018, izda qieset ukoll dak ivverbalizzat fl-udjenza tad-29/10/2019 (ara folio 18), u fl-udjenza tat-02/09/2020, fejn il-parte civile ddikjara li ma kellux interess f'dawn il-proceduri u li x-xhieda pajzana tal-prosekuzzjoni, inkluz il-parte civile, ghazlu lkoll li ma jixhdux f'dawn il-proceduri stante li lkoll huma familjari ta` l-istess imputat.

Fic-cirkostanzi ta` dan il-kaz, u fid-dawl tar-rizultanzi processwali, din il-Qorti hi tal-fehema soda li ghandha titratta mal-hati skond dak li jipprovdi l-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

**KONKLUZJONI.**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI, WARA LI RAT L-ARTIKOLI 214, 215, 216, 222(1)(A), 202(H)(III)(V), 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 412D, 31, 532A, 532B U 533 TAL-KAPITOLU 9 TAL-LIGIJIET TA' MALTA, ISSIB U TIDDIKJARA LILL-IMPUTAT DEEMER MICALLEF, FUQ AMMISSJONI TIEGHU STESS, HATI TA` L-IMPUTAZZJONI KIF DEDOTTA KONTRA TIEGHU u minflok piena qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena millum u dana ai termini ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Il-Qorti fissret lill-hati, fi kliem car u li jinftihem, il-konsegwenzi jekk huwa jikser din l-Ordni mposta.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur